Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 38/2015AE

**Ilona Borg**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali**

L-Erbgha, 27 ta' April 2016.

Id-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali appella minn decizjoni tal-Arbitru tas-6 ta' Lulju 2015 li laqa' appell ta' Ilona Borg minn decizjoni tad-Direttur tat-23 ta' Settembru 2014 li biha ddikjara li kienet thallset zejjed is-somma ta' €913.67 f'ghajnuna ta' dizimpjieg li rceviet minghand id-Dipartiment fil-perjodu bejn it-30 ta' Ottubru 2010 sat-18 ta' Frar 2011.

**Appell**.

L-ilment tal-appellant hu li ghalkemm l-ghajnuna thallset lil zewgha, Vladimir Krtinic, l-appellata xorta responsabbli minhabba li skond il-ligi maz-zwieg tidhol fis-sehh il-komunjoni tal-akkwisti. Zied li mill-provi ma kienx jirrizulta li fil-perjodu meta sar il-hlas zejjed il-komunjoni tal-akkwisti ma kinitx tapplika bejn il-konjugi Krtinic. Skond l-Artikolu 1320(a) u (b), fil-komunjoni tal-akkwisti jidhol dak kollu li z-zewg partijiet mizzewga jakkwistaw bix-xoghol jew bil-hidma taghhom, kif ukoll il-frottijiet tal-beni tal-partijiet mizzewga. L-ghajnuna socjali li kien qieghed jaghti l-appellant dahlet fil-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-hlas zejjed hu tar-ragel u tal-mara.

**Risposta**.

L-appellata wiegbet:-

i. L-Artikolu 1320 ma japplikax in kwantu l-ghajnuna socjali li thallas Krtinic m'hijiex frott tal-beni tal-partijiet u lanqas akkwist tax-xoghol jew hidma tal-partijiet.
ii. Skond l-Artikolu 108(9) tal-Kap. 381, qabel kull decizjoni l-Arbitru jrid jiehu in konsiderazzjoni li jkunu twettqu l-principji tal-ekwita'.
iii. Hu minnu li hemm il-presunzjoni li l-konjugi jgawdu mill-gid tal-komunjoni tal-akkwisti. Pero' din hi biss *juris tantum*.
iv. Mill-provi rrizulta li l-appellata ma kinitx qeghda tibbenifika mill-ghajnuna socjali li kien qieghed jithallas lil zewgha, li fit-28 ta' Ottubru 2010 telaq mid-dar matrimonjali.

Wara li l-qorti rat l-atti u semghet is-sottomissjonijiet, tosserva:-

1. Mill-provi rrizulta li:-

i. Fil-21 ta' Settembru 2009, l-appellata zzewget lil Vladimir Krtinic.

ii. Vladimir Krtinic kien jircievi ghajnuna tal-qghad. Fil-fatt f'Marzu 2010 kien applika ghall-ghajnuna socjali. Fl-applikazzjoni iddikjara li bhala kap tal-familja kien beda jirregistra x-xoghol b'sehh mill-1 ta' Frar 2010.

iii. Fit-13 ta' April 2011 saret investigazzjoni minn spetturi tad-Dipartiment ghall-Frodi u Investigazzjoni dwar Beneficcji. L-ispetturi gew infurmati minn omm l-appellata li fit-22 ta' Ottubru 2010 Vladimir Krtinic telaq mid-dar. Sahansitra l-genituri tal-appellata ffirmaw dikjarazzjoni fejn ikkonfermaw tali fatt. Ir-rakkomandazzjoni tal-ispetturi kienet li: *".... d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali jigbor lura b'effett mill-1 ta' Novembru, 2010 l-intitolamenti tal-Ghajnuna tal-Qghad (UA) u jirrevedi t-talba tac-Children's Allowance (CA) biex din tkun tirrifletti c-cirkostanzi veri u proprji ta' din il-familja."*

iv. Mill-provi rrizulta li l-beneficcju socjali li d-Dipartiment jippretendi li thallas zejjed, thallas fi zmien meta Vladmir Krtinic ma kienx ghadu jghix ma' martu u minn dawk il-flus l-appellata ma haditx beneficcju[1].

v. Fit-18 ta' Frar 2011 il-konjugi Krtinic isseparaw legalment.

2. Ir-riferenza li ghamel l-appellant ghall-Artikolu 1320(a) u (b) tal-Kodici Civili ma tidhirx flokha ghaliex il-hlas li kien qieghed jircievi Vladimir Krtinic m'huwiex minn xoghol jew hidma tieghu, imma hlas ghaliex ma kellux xoghol. Hekk ukoll il-hlas ma jikkwalifikax bhala frott ta' beni ghaliex f'dan il-kaz m'hemmx beni li kienu qeghdin jirrendu l-frott. Mill-provi rrizulta wkoll li meta fit-22 ta' Ottubru 2010 Krtinic telaq mid-dar fejn kien qieghed ighix ma' martu, baqa' jithallas l-ghajnuna socjali u zammha kollha ghalih. F'dan ir-rigward l-Arbitru kien sodisfatt li fir-realta' l-appellata ma hadet l-ebda beneficcju, u m'hemm l-ebda aggravju f'dan ir-rigward.

3. L-appellant ghamel ukoll riferenza ghall-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili li jipprovdi liema huma d-djun li l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti jaghmlu tajjeb ghalihom. Pero' ma qalx liema paragrafu jippretendi li ghandu japplika fil-kaz in ezami. Il-qorti tosserva li:-

i. Bil-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat fit-18 ta' Frar 2011, giet terminata l-komunjoni tal-akkwisti. Id-decizjoni tad-Direttur ittiehdet fit-23 ta' Settembru 2014 fi zmien li ma kinitx tezisti l-komunjoni tal-akkwisti.

ii. L-appellant m'ghandu l-ebda awtorita' li minn jeddu jiddeciedi liema huma d-djun a karigu tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Din hi materja li ghandha tigi deciza minn awtorita gudizzjarja u mhux minn ufficjal

[1] Hekk ikkonkluda l-Arbitru u ma nghatat l-ebda raguni li tista tiggusitifika li din il-qorti tiskarta tali konkluzjoni.

pubbliku[2]. Ghall-qorti hu ovvju li sabiex l-appellant wasal ghad-decizjoni li jirkupra nofs il-hlas zejjed li nghata lil Vladimir Kritinic minghand l-appellata bil-mod kontemplat fl-Artikolu 102 tal-Kap. 381, ikkonkluda li d-dejn li ghandu Kritinic fil-konfront tad-Dipartiment kien dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Hekk biss seta' jikkonkludi li l-appellata kienet responsabbli li thallas nofs id-dejn. Dan m'ghandux ikun u fil-fehma tal-qorti meta jsir ikun *ultra vires* il-poteri li taghtih il-ligi.

iii. Fir-rikors tal-appell ghamel riferenza ghas-sentenza **Mary Pace Bardon vs Direttur tas-Sigurta Socjali** tat-12 ta' Novembru 2003 ta' din il-qorti[3], li kien kaz ta' *overpayment* ta' pensjoni lir-ragel tar-rikorrenti. Wara l-mewt tieghu d-Dipartiment kien qieghed jippretendi r-rifuzjoni minghand ir-rikorrenti. Il-Qorti osservat:-

*"Fis-sentenza appellata l-Arbitru filwaqt li mod jew iehor jesprimi ruhu fuq il-materja bi hsebijiet u osservazzjonijiet konformi ghal dan kollu appena espost, jghaddi, mbaghad, biex b'referenza ghall-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili jivventila l-punt illi f'kaz li l-beni tal-akkwisti, li fil-konfront taghhom l-appellat ghandu l-ewwel jidderiegi l-pretensjoni ghar-radd lura, ma jibbastawx, allura d-Direttur jibqalu d-dritt jinforza t-talba tieghu "in subsidium" kontra l-beni parafernali tal-appellanti. In konsegwenza ta' din id-deduzzjoni l-Arbitru adotta l-prekawzjoni traccjata fil-parti operativa tad-decizjoni tieghu. Dik jigifieri illi qabel ma d-Direttur ihallas l-arretrati kollha tal-pensjoni dovuta lill-appellanti ghandha tigi preventivament accertata l-konsistenza tal-beni tal-komunjoni.*

*Ir-rejazzjoni tal-appellanti ghal din il-parti tad-dispositiv tas-sentenza hi artikolata fis-sens illi l-Arbitru injora l-proviso (a) tal-istess Artikolu 1330 citat minnu. Fl-interita` tieghu dan il-proviso jippreskrivi illi meta d-dejn jew indenniz ikun dovut bhala rimedju civili dwar reat maghmul bir-rieda ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg, il-kredituri ma jistghux jinfurzaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali tal-parti mizzewga li ma tkunx hi li minhabba fiha nholqot it-talba izda se mai fil-konfront talbeni parafernali tal-parti li minhabba fiha nholqot it-talba.*

*Issa l-appellanti tadduci mill-ittra tal-4 ta' Settembru 1987, minnha esebita flimkien mar-rikors ta' l-appell, u li ma jidherx li kienet ingiebet ghall-attenzjoni tal-Arbitru, illi nnuqqas ta' divulgazzjoni minn zewgha lid-Dipartiment tal-fatt li hu kien jippercepixxi "service pension" kien jammonta ghall-att li certament "huwa reat maghmul birrieda minn xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg" u li per konsegwenza l-beni parafernali ma kellhomx jirrispondu lanqas in subsidium ghad-dejn in ezami.*

*Jidher li l-proviso appena riportat tal-Art 1330 jirrikollega ruhu ghas-subinciz (f) tal-Artikolu 1327. Hemm ukoll jinghad illi l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jaghmlux tajjeb meta l-indennizz ikun dovut bhala rimedju civili dwar reat ikun sar bir-rieda.*

*Issa l-ligi ma tiddefiniex x'ghandu jkun komprensiv ta' "reat" fl-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kodici Civili jew jekk din il-kelma ghandiex tinftiehem fis-sens tal-Kodici Kriminali. Hu x'inhu l-Qorti tifhem illi z-zamma ta' taghrif utili li b'konsegwenza iggib beneficcju lil dak li jkun meta dan legalment ma jkunx intitolat ghalih, b'dan il-*

[2] Mill-atti jirrizulta li d-decizjoni ttiehdet fit-28 ta' Awissu 2014 minn Grazio Barbara, Direttur Generali tad-Sigurta Socjali.
[3] Imhallef P. Sciberras.

*mod qed jikkarpixxi l-kunsens u l-bona fede tal-paganti. Tali sitwazzjoni hi prevvista wkoll taht l-Att innifsu dwar is-sigurta` socjali li in linea generali jqis bhala reat "kull min jikser jew jonqos li joqghod ghal xi wahda mill-htigijiet ta' dan l-Att" (Art 119). B'mod specifiku, imbaghad, jikkostitwixxi reat taht dak l-Att kull min xjentement jew bi traskuragni jaghmel dikjarazzjoni falza jew juri haga b'ohra jew fi frodi jonqos milli jirraporta lid-Direttur qabel ma jircievi xi hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew jista' jkollha konsegwenzi materjali fuq l-ammont, jew fuq il-mod kif jinghata, dak il-pagament (Art 117 (1)(i) u (iii)).*

*Gjaladarba n-nuqqas tal-predefunt zewg l-appellanti jikkwalifika bhala reat dan necessarjament ifisser illi la l-komunjoni tal-akkwisti u wisq anqas il-beni parafernali tal-appellanti ma huma guridikament kostretti jaghmlu tajjeb ghad-dejn pretiz mill-appellat. F'kaz bhal dan huma l-beni parafernali tal-predefunt stess li jirrispondu ghal riparazzjonijiet civili dovuti ghar-reat kommess – "solamente coi proprii beni e non mai con quelli rientranti nella communione degli acquisti" (Vol XXIV pIV p946; Vol XXXVIII pII p604) jew dawk parafernali tal-appellanti, li f'kaz bhal dan, jinsabu appuntu eskluzi mill-portata tal-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili.*"

Fid-dawl ta' din l-esposizzjoni tant cara u preciza, m'hemm xejn iktar x'jinghad. Id-Direttur kellu mill-bidunett ikun jaf li l-appell tieghu kien mibni fuq pedament tar-ramel.

4. F'kull kaz fid-decizjoni tal-Arbitru tat-23 ta' Settembru 2014, jinghad:-

*"Ghandi ninfurmak li dan il-hlas zejjed ser jitnaqqas bir-rata ta' 5% mill-Ghajnuna Socjali (SUP), jew xi beneficcji ohra li inti tista' tircievi mid-Dipartiment."*

F'dan il-kaz il-hlas zejjed sar lil Vladimir Kritinic ghaliex hu applika u nghata l-beneficcju mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Quddiem l-Arbitru xehedet Antonia Belfiore, wahda mill-ispetturi tad-Dipartiment li ghamlet l-investigazzjoni, li kkonfermat li d-Dipartiment kien qieghed ihallas il-beneficcju f'kont bankarju f'isem Vladimir Kritinic. Jekk l-appellant ghandu pretenzjoni kontra l-appellata ghar-rifuzjoni ta' parti mill-beneficcju tal-ghajnuna socjali li jsostni li thallset zejjed lil zewgha, kellu jipproponi kawza kontra taghha u mhux jiddeciedi li l-hlas zejjed jitnaqqas minn kwalsiasi beneficcji li l-appellata jista' jkun qeghda tircievi minghand id-Dipartiment. L-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) ma jatihx dan il-poter. L-Artikolu 102 tal-Kap. 318 jipprovdi li f'kaz ta' persuna li tircievi l-hlas ta' beneficcju minghajr dritt, id-Direttur ghandu l-jedd li jigbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi beneficcju, pensjoni jew allowance li jkollha dritt ghalih. L-appellant ghandu dan ir-rimedju **biss** fil-konfront tal-persuna li rceviet il-beneficcju. Fil-kaz in ezami din il-persuna ma kienet hadd hlief Vladimir Krtinic li wara kollox applika ghall-ghajnuna socjali u d-Dipartiment kien qieghed ihallsu billi jiddepozita l-flus f'kont bankarju ntestat f'ismu. Ghaldaqstant, id-Direttur seta' jirrikorri ghar-rimedju kontemplat fl-Artikolu 102 fil-konfront ta' Vladimir

Krtinic u zgur mhux martu. Fic-cirkostanzi d-decizjoni tal-appellant hi *ultra vires*.

**Ghal dawn il-motivi, il-qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali**. **Peress li tqies li dan l-appell hu fieragh, tikkundanna lill-appellant ihallas l-ispejjez ghal darbtejn**.

Anthony Ellul.